MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Numru. 771/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**PHILIP BAJADA**
**(ID Nru. 5877G)**

Kumpilazzjoni Nru.: 771/2012

Illum, 12 ta` Mejju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Philip Bajada, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 5877G.

**Akkuzat talli:**

Talli nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta` Lulju, 2012, ghal habta ta` bejn l-erbgha nieqes kwart u l-erbgha nieqes hamsa ta` wara nofsinhar (15:45hrs – 15:55hrs) gewwa Triq Tul il-Kosta, limiti tan-Naxxar, b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta` tharis ta` regolamenti waqt li kien qieghed isuq il-vettura tal-ghamla **Mercedes-Benz**, tip **Citaro G**, bin-numru tar-registrazzjoni BUS206:

a) Talli involontarjament kkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Nanette Farrugia;
b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, involontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli li jammonta ghal aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-detriment ta` Nanette Farrugia;

c) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BUS206 b'manjiera traskurata, u perikoluza;

d) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, meta kien involut f'incident tat-traffiku, naqas milli jieqaf fuq il-post meta hu mehtieg, u naqas milli jaghti d-dettalji tieghu, u tal-vettura li kien qieghed isuq, hekk kif mitlub mil-Ligi, u/jew naqas milli jirraporta l-incident tal-Pulizija jew Gwardjani Lokali.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija, l-imsemmi Philip Bajada jhallas lill-parti offiza dak l-ammont ta` flus li jista` jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat. Ukoll il-Qorti giet gentiment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` tal-imsemmija Nanette Farrugia, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 226 (1) (b) u 328 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 15 (1) (a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikolu 67 tal-A.L. 128 tal-1994; l-Artikoli 17, 31, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 41 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat il-provi prodotti u d-dokumenti esebiti. Minn dan il-filmat tal-incident fejn f'dan il-filmat jirrizulta li Philip Bajada bl-ebda mod m'ghandu jinghata htija ghal dan l-incident awtomobilistiku, u ghalhekk ma jistax jinstab hati ghall-akkuzi lili addebitati.

Rigward l-ahhar imputazzjoni, din il-Qorti tirrileva li l-istess Philip Bajada ma ndunax b'dak li kien sehh u ghalhekk baqa` sejjer.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------